# Jissokta d-Dokument Importanti

**Fl-aħħar artiklu għidtilkom li, matul il-qagħda tiegħu f'Malta, Poussielgue kien jiltaqa' ma' xi ftit kavallieri franċiżi u xi kbarat Maltin. F'dawk il-laqgħat kienu jiddiskutu bejniethom liema mezzi kellhom jintużaw biex Malta taqa' taħt il-ħakma tar-Repubblika Franċiża: il-qawwa tal-armi? Il-qerq ta' l-intrigi? Jew it-tnejn flimkien**

*Minn Mons. Prof. A. Bonnici*

Kien hemm min issuġġerixxa li l-Franċiżi jħebbu għal Malta bil-qawwiet navali u militari tagħhom, billi jidħlu fil-Port il-Kbir għall-għarrieda u jattakkaw il-Belt mill-Bieb tax-Xatt, jew billi jattakkaw il-Forti Sant'Iermu matul il-lejl jew billi jniżżlu l-forzi tagħhom — 4,000 jew 5,000 suldat — Marsaxlokk, jaħkmu taħt idejhom il-Kottonera, jattakkaw l-ewwel il-Forti Ricasoli imbagħad Sant' Iermu.

Huma kienu tal-fehma li l-Ordni ma kienx imħejji biżżejjed biex jilqa' attakki qawwija għal żmien twil, għax ma kellux ħafna munizzjon. Kienu jaħsbu wkoll li, f'każ ta' attakk franċiż, il-Maltin ma tantx kienu lesti jgħinu lill-Kavallieri. Min-naħa l-oħra, il-"patrijotti", jew dawk li kienu favur ir-Repubblika Franċiża, għalkemm qalbenin, igħid Poussielgue, ma riedux jagħmlu l-parti ta' "tradituri". Kienu 3 jew 4 minnhom biss li kienu lesti jaslu sa hawn.

## INTRIGI FIL-QRATI

Oħrajn issuġġerew intrigi fil-Qrati Rjali ta' l-Ewropa, li bis-saħħa tagħhom Malta setgħet taqa' taħt Franza. U qalu li kienet tkun ħaġa tajba li r-Repubblika Franċiża ssejjaħ fi Franza l-kavallieri franċiżi u twegħidhom li tagħtihom lura l-artijiet li kienet ħatfet lill-Ordni, u tinsisti fuqhom biex iħajru lill-Grammastru jċedi Malta lill-Franza. Għaliex l-Ordni ma kellux mezzi biżżejjed biex jibqa' jeżisti, u jbeżżgħuh li, jekk xi Potenza jfettillha tħebb għal Malta u tirbaħha, l-Ordni jitlef għal kollox il-ġid kollu tiegħu, jew kif ngħidu aħna, "jitlef il-qaleb u l-ġbejna".

Riedu wkoll li r-Repubblika ġġiegħel lill-Qorti Spanjola tikkonfiska l-artijiet tal-Kavallieri fi Spanja, biex tfaqqar aktar lil Ordni u tnaqqaslu l-mezzi ta' sostenement; li tħajjar ukoll lill-Papa jissopprimi l-Ordni ta' Malta, u dan ikun pass li żgur jingħoġob mill-Prinċpijiet tal-Ewropa. Għax b'hekk huma kienu jsiru proprijetarji tal-artijiet tal-Ordni f'pajjiżhom; li jsiru trattattivi sigrieti bejn Ministru Plenipotenzjarju Franċiż u l-Grammastru biex dan iċedi l-Gżira ta' Malta bil-ħlas ta' somma ta' flus, jew bil-bidla ma xi gżira oħra.

## TPARTIT TA' MALTA

Fost is-suġġerimenti ta' tibdil kien hemm dik li r-Re ta' Napli (u Sqallija) iċedi l-jedd ta' l-ogħla sovranita' fuq Malta u bi tpattija tingħatalu l-Belt ta' Benevento (fl-Italja) u xi biċċa mill-Istati tal-Papa; lill-Grammastru, mbagħad, bi tpattija għat-telf tas-sovranita' tiegħu fuq Malta, jingħata xi prinċipat fi Sqallija u s-sovranita' fuq il-Gżira ta' Elba sa mewtu.

Kien minnu li Malta bil-qawwiet militari li kellha ma setgħetx tegħleb il-qawwiet militari franċiżi? Naraw xi jgħid fuq hekk Poussielgue. F'Malta, dak iż-żmien, kien hawn 200 suldat impostati f'Sant' Iermu, li 30 minnhom kuljum kienu jagħmlu għassa mal-Grammastru; reġiment ta' 450 suldat, impustati f'Sant'Anġlu, kienu jgħassu l-bibien tal-bliet u l-ħabs; korp ta' 300 suldat kienu jagħmlu għassa mal-palazz tal-General tal-Galjuni; 300 suldat ieħor tax-xwieni kienu mpustati l-Birgu; 80 suldat kienu r-Rikażli u 80 oħra fil-Fort Manoel. Kien hemm ukoll 800 kaċċatur, li kienu jiffurmaw kumpannija f'xi każi straordinarji. Kollox ma' kollox kienu jagħmlu 2,210 suldat.

Barra minnhom kien hemm il-Milizja jew Gwardja Nazzjonali, li kienet tgħodd 10,000 suldat ieħor. Imma dawn la kienu jagħmlu servizz regolari u

**(Ikompli fil-paġna 11)**

# Jissokta d-Dokument Importanti

(Jaqbad mill-paġna 5)

lanqas eżerċizzi militari. Ma' dawn żid għadd żgħir ta' artillieri mgħallmin ħażin u mingħajr fizzjali.

Il-forza ewlenija kienet dik ta' 600 kavallier, li bejn 300 u 400 kienu Franċiżi u għalhekk kienu lesti jiġġieldu disperatament kontra l-franċiżi, għax ma kellhomx kenn ieħor ħlief Malta u, f'każ ta' telfa, kienu jitilfu r-renti kollha li kellhom mit-Teżor tal-Ordni f'Malta.

Il-munizzjon tal-porvli ma kienx ħażin, iżda l-artillieri kienu ftit u ma kellhomx balal ta' kalibru qawwi, l-injam kien nieqes u l-fran kienu jitkebbsu bilbċejjeċ tax-xwieni mkissra. Il-qamħ maħżun kien jista' jservi għal 8 xhur.

**MALTA KIEN JINHTIGILHA TAQA' TAHT FRANZA**

Imma Malta, kiteb Poussielgue, hija mdawra hekk tajjeb bis-swarijiet li bi ftit nies u mezzi setgħet tirreżisti għal żmien twil. Għalhekk kien rakkomandabbli li ma jsir ebda attakk sakemm ma jitbegħdux il-kavallieri franċiżi minn Malta. Iżda Malta kellha taqa' taħt Franza, għax min jaħkem Malta ikun is-sid assolut tal-kummerċ fil-Mediterran, għax għandha l-portijiet l-aktar sbieħ u żguri, u kien hemm il-biża' li l-Gżira taqa' ma ddumx jew f'idejn l-Ingilterra, jew f'idejn ir-Russja, jew f'idejn Napli, aktarx bi ftehim mal-Grammastru.

Imma l-akbar biża' kien min-naħa ta' Franġisku II, Imperatur tal-Awstrija, għax il-ħakma ta' Malta kienet tiswielhu ħafna għas-sigurta' tal-possessjonijiet tiegħu fil-baħar Adrijatiku, fejn kien hemm xi gżejjer taħt il-Franċiżi. L-Imperatur kellu mezz bil-wisq effikaċi biex jipperswadi lill-Grammastru Hompesch, li kien tedesk, biex jitlaq lill-Malta f'idejh.

Ma nafx kemm jista' jinteressakom, imma jien żgur li x'uħud jieħdu gost jisimgħu x'kienu r-renti tal-Ordni qabel ma telaq Malta.

Qabel ir-Rivoluzzjoni Franċiża l-Ordni kien idaħħal 1,315,296 skudi (£M108,775): minn artijiet fi Franza (580,406 sc.), fi Spanja (271,454 sc.), fl-Italja (235,324 sc.), fil-Portugal (91,876 sc.), fil-Germanja (40,954 sc.), fil-Bavarja (2,156 sc.), fil-Polonja (6016 sc.), f'Malta (86,500 sc). Minn dawn kienu jintefqu 1,261,860 sc. (£M105,155) u jibqgħu 53,436 sc. (£M3,620).

Wara r-Rivoluzzjoni Franċiża nżammu r-renti minn Franza u parti kbira minn dawk tal-Germanja u tal-Italja. Dan in-nuqqas flimkien mal-ħlas li t-Teżor ta' l-Ordni beda jħallas lill-Kavallieri Franċiżi (li kienu tilfu r-renti tagħhom), ġieb żbilanċ ta' bejn wieħed u ieħor 2,000,000 sc. (£M166.666). B'dan li żbilanċ l-Ordni ma setgħax ikampa għal żmien twil.

Poussielgue ingħata u tana wkoll dan it-tagħrif dwar l-introjti f'Malta. Il Grammastru kien idaħħal 205,000 sc. (£M17,083) fissena mill-artijiet f'Malta u xi dazji tad-Dwana. Il-Palazzi u d-djar tal-Ordni kienu jirrendu 100,000 sc. (£M8,333). Mid-Dwana kienu jidħlu mal-115,000 sc. (£M9,583).

L-artijiet tal-Knisja — Mensa tal-Isqof, benefizzi u kanonikati u Ordnijiet Reliġjużi — kienu jirrendu 108,000 sc. (£M9,000). Irrikkezzi fil-knejjes ġew ikkalkulati minn 166,666 sc. (£M13,888) sa 208,333 sc. (£M17361). U hawn nieqaf.

Min ħa gost jieħu dawn l-informazzjonijiet, ma rridux jirringrazzja lili, iżda lil Poussielgue li tahomlna u lil William Hardmann li għoġbu jagħtina fil-ktieb tiegħu dwar Malta (1798-1815) kopja tar-Rapport li semmejna. Jien ma għamiltx ħaġ'oħra ħlief qrajtu, ittraduċejtu u adattajtu għall-qari tagħkom, biex wieħed jara kemm kienet fiergħa li skuża ta' Napuljun — li attakka Malta għaliex l-Ordni ma ħalliehx idaħħal il-flotta fil-Port biex tieħu l-ilma! Hekk tintiseġ l-istorja taddinja.